**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 480/16 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg relattiv illi qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala **Dok. 'A'**.

2. Illi miz-zwieg ta' bejn il-partijiet, ma twieldu l-ebda tfal.

3. Illi l-partijiet isseparaw legalment fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dan skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv redatt minn Nutar Dottor Eric Wadge, illi kopja awtentika tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. 'B'**.

3. Illi ulterjorment u kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni[1] l-partijiet ilhom separati *de facto* mis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) b'dan illi ma hemm l-ebda prospett jew tama ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi huma jghixu hajja totalment separate minn xulxin b'rabtiet familjari godda.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment, stante illi huma iddekadew mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin ai termini tal-klawsola numru sebgha (7) ta' l-istess kuntratt.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Illi qed jigi anness mar-rikors odjern l-affidavit tar-rikorrenti nnifisha liema affidavit qed jigi esebit u mmarkat bhala **'Dok. C'**.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg (divorzju) bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bil-hall taz-zwieg (divorzju) tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku

U dan that dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Ottubru 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikat ma deherx fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2016 u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

[1]It-Tieni Pagna – it-Tieni Paragrafu

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju 2014 u ilhom de facto separati mis-7 ta' Ottubru 2012;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.